# SOĊJETÀ ĠUSTA GĦAL ŻMINIJIETNA



SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI
AZZJONI KATTOLIKA MALTIJA

Il-Professur Edward Warrington tad-Dipartiment tal-Public Policy, Universitá ta' Malta, li għamel id-diskors ewlieni fil-Konferenza Soċjetà Ġusta għal Żminijietna, jgħid li "bosta studji u statistiċi juru l-bidliet fil-qagħda soċjali f'Malta: il-faqar qed jiżdied; id-distakk fil-pagi u l-ġid qed jikber; id-demografija qiegħda tinbidel, minħabba l-immigrazzjoni u l-fatt li l-popolazzjoni Maltija qiegħda tixjieħ. Qiegħda wkoll tiżdied b'rata mgħaġġla. Għadna 'l bogħod mill-ġustizzja soċjali li jitkellmu dwarha dokumenti ewlenin tal-Knisja Kattolika. Minbarra dan, aktarx li l-ġustizzja soċjali hi marbuta ma' aspetti oħra tal-ħajja f'Malta, fosthom il-mudell ekonomiku u l-kwalità tal-ambjenti urbani u rurali."

Fortunatament għas-soċjetà Maltija hawn il-Knisja Kattolika li dejjem tippromwovi l-valuri spiritwali, umani u fundamentali.

Għandna isqfijiet li kontinwament jitkellmu fuq dak li hu sewwa, sabiħ u li jgħaqqad. Huma promoturi u operaturi kbar tal-ġid komuni, żgur permezz tad-djar tat-tfal, tal-anzjani u ta' persuni b'diżabbiltà u s-servizzi lill-familja.

Il-partiti politiċi għandhom jagħtu kas ħafna aktar x'qed jiġri fis-soċjetà Maltija u jagħrfu ħafna aktar ir-responsabbiltajiet kbar li għandhom.

Matul il-Konferenza, Monsinjur Arċisqof Charles Scicluna jgħid li "l-politika trid tkun l-arti tal-imħabba li taħseb fil-ġid komuni."

Is-Segretarjat Assistenza Soċjali huwa aġenzija ta' ħidma soċjali tal-Knisja. Ilu jgħin nies fil-bżonn, anki finanzjarjament, jew f'xi diffikultà, mill-1962.

Issa se jara li, barra ħidma soċjali personali, se jagħmel aktar azzjoni soċjali billi jressaq is-suġġerimenti li saru fil-Konferenza lill-awtoritajiet konċernati biex jittieħdu d-deċiżjonijiet meħtieġa biex titjieb il-kwalità ta' ħajja ta' ħafna kategoriji oħra ta' Maltin u Għawdxin.

Malta hi soċjetà żgħira. Il-bidla għall-aħjar hi possibbli ħafna aktar malajr minn pajjiżi oħra.

## Sfidi Ambjentali



**Dr. Fr. Ray Zammit**
*Fakulta tat-Teoloġija - Università ta' Malta*

Fil-qalba tal-enċiklika tiegħu dwar l-ambjent, il-Papa Franġisku jsostni li t-tħassib ekoloġiku ma jistax jikseb effetti importanti jekk ma nsaqsux: "X'tip ta' dinja nixtiequ ngħaddu lil dawk li ġejjin warajna?" (*Laudato sì*, 160). Fuq kollox, dil-mistoqsija tirreferi għat-tifsir u l-valuri, għax il-problemi ambjentali ma nistgħux narawhom b'mod iżolat jew parzjali. Fil-fatt, "Meta nitkellmu dwar l-'ambjent', dak li rridu nfissru tassew hija r-relazzjoni li teżisti bejn in-natura u s-soċjetà li tgħix fiha. In-natura ma nistgħux inqisuha bħala xi ħaġa maqtugħa minna nfusna jew bħala sempliċi sfond li fiha ngħixu." (*Laudato sì*, 139).

Biex nanalizzaw il-problema tat-tniġġis, pereżempju, hemm bżonn "analiżi ta' kif qed taħdem is-soċjetà, l-ekonomija tagħha, l-imġiba tagħha, il-modi kif hi tifhem ir-realtà." Fi kliem ieħor, hemm bżonn "infittxu soluzzjonijiet sħaħ... M'għandniex żewġ kriżijiet separati, waħda ambjentali u oħra soċjali, imma kriżi waħda u kumplessa soċjo-ambjentali.

L-istrateġiji għas-soluzzjoni jitolbu viżjoni sħiħa biex nissieltu kontra l-faqar, nagħtu lura d-dinjità lill-imwarrbin u fl-istess ħin nieħdu ħsieb tan-natura" (*Laudato sì*, 139).

Il-Papa Ġwanni Pawlu II kien diġà argumenta li bil-kelma 'żvilupp' m'għandniex nifhmu żvilupp ekonomiku biss, imma għandna nħarsu lejn żvilupp uman li jitkejjel minn "bini ta' ħajja aktar xierqa... ħalli tiġi tassew 'il quddiem id-dinjità u l-kreattività ta' kull bniedem" (*Centesimus Annus*, 29).

Aktar 'il quddiem, il-Papa Benedittu XVI insista li l-iżvilupp uman irid ikun sħiħ, b'mod li jinvolvi l-aspetti kollha tal-umanità tagħna, mhux biss l-aspett ekonomiku u politiku: "Progress tat-tip ekonomiku u teknoloġiku biss mhux biżżejjed. L-iżvilupp għandu bżonn fuq kollox ikun veru u integrali" (*Caritas in Veritate*, 23); "L-iżvilupp irid jinkludi mhux biss tkabbir materjali imma anki tkabbir spiritwali" (*Caritas in Veritate*, 76). Għalhekk, "Il-bniedem irid ikun meħlus minn oppressjoni materjali, imma b'mod aktar profond irid ikun meħlus mill-ħażen li jassar l-ispirtu" (Benedittu XVI, Omelija, Repubblika Ċeka, 27 Settembru 2009). Għaldaqstant, Benedittu XVI jipproponi l-kunċett ta' 'ekoloġija umana' għax "Il-ktieb tan-natura hu wieħed u indiviżibbli: iħaddan fih mhux biss l-ambjent iżda wkoll il-ħajja, is-sesswalità, iż-żwieġ, il-familja, ir-relazzjonijiet soċjali: f'kelma waħda, l-iżvilupp sħiħ tal-bniedem.

Dmirijietna lejn l-ambjent huma marbuta ma' dmirijietna lejn il-persuna umana fiha nfisha u f'relazzjoni ma' oħrajn." (*Caritas in Veritate*, 51). Wieħed jista' jifhem għalhekk l-għala l-Papa Franġisku jsejjaħ għal 'ekoloġija integrali' li tħares lejn il-kwistjonijiet ambjentali, ekonomiċi, politiċi, soċjali,

kulturali u etiċi marbuta flimkien biex issib soluzzjonijiet komprensivi. Franġisku għalhekk jikkritika antropoċentriżmu żbaljat [interessi tal-mument, paradigma teknokratika, kult tal-poter uman bla limiti, relattiviżmu prattiku] li jagħti lok għal stil ta' ħajja żbaljata li twassal għal imġibiet li jipprovokaw fl-istess ħin kemm it-taħsir ambjentali kif ukoll dak soċjali (ara *Laudato sì*, 122).

Biex ngħaddu għall-konkret, pereżempju, f'dinja fejn kollox huwa interkonness, ta' min isaqsi għala l-problema ta' nuqqas ta' fertilità qed tikber u x'inhuma l-kawżi tagħha, inkluż (iżda mhux biss) il-kontribut tal-plastiks fil-ħajja tal-lum; il-konnessjoni bejn il-pestiċidi u l-erbiċidi u ż-żieda fil-mard; it-tkabbir tal-faqar marbut mat-tkissir taż-żwieġ; l-elementi finanzjarji u ekonomiċi wara l-promozzjoni tal-ewtanasja.

U la darba waħda mill-isfidi ambjentali l-kbar hija marbuta mal-biedja u t-tkabbir tal-annimali, wieħed irid iqis kemm dawn il-problemi huma fil-fatt ikkawżati mill-għażliet tal-bniedem: 40% tal-ikel prodott fid-dinja huwa mormi, ikel li jista' jitma' sa 3 biljun persuna oħra; art fertili li tintuża għall-produzzjoni ta' tabakk, fjuri, ikel għall-qtates u l-klieb, ċereali għall-*biofuel* minflok għall-ikel u fejn il-flus imorru għall-korporazzjonijiet kbar u mhux għall-ħaddiema; il-konsum żejjed tal-laħam li jwassal għal problemi ta' saħħa u problemi ambjentali (eż. bżonn ta' 8 kilos ċereali u 15-il elf litru ilma biex tipproduċi kilo ċanga) u l-promozzjoni tal-idea ta' '*Meatless Mondays*'; eċċ.

L-isfidi ambjentali fil-fatt huma sfidi morali, li jisfidaw mhux biss il-pjaneta, imma anki lill-bniedem illum, huwa u jsaqsi: Min jien? U għala ninsab fid-dinja?